MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru 303/2004

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Bouras Adele, iben Arbi,
imwieled Tripoli, Libya
fil-5 ta’ ottubru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-14 ta’ april, 2004 għal ħabta tal-10.15 p.m. f’Puturjal, Bus Terminus, Floriana bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta’ bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe’ ta’ offiża ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ PS1444, PC1474, Mahmoud El-Saadi Giuma u ta’ persuna oħra mhux magħrufa, permezz ta’ xi arma, strument jew għodda oħra u cioe’ mus;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta’ PS1444 u

PC1474 persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita’ kompetenti;
3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PS1444 u PC1474 persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat u ġlied, jew b’mod ieħor;
5. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal PS1444, PC1474, Mahmoud El-Saadi Giuma u persuna oħra mhux magħrufa sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara;
6. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi mbotta lill-imsemmija PS1444, PC1474, Mahmoud El-Saadi Giuma u persuna oħra mhux magħrufa sabiex iweġġagħhom jew jinsulenthom;
7. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u cioe’ mus mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ PS1444, PC1474 u Mahmoud El-Saadi Giuma billi tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ april, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 41, 214, 216, 217, 95(1), 96(a), 338(m)(dd) u 339(1)(d)(e)(l) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-

Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk fi żmien ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------